31997R0630

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSIJONI (KE) Nru 630/97

tal-10 ta' April 1997

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2369/96 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' Kwota ta' tariffi tal-Komunità għal 10 000 tunellata ta' qamħ tal-ħafur maħduma mod ieħor li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1104 22 92 u 1104 22 99

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropeja,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1095/96 tat-18 ta' Ġunju 1996 dwar l-implimentazzjoni tal-konċessjonijiet imniżżla fl-Iskeda CLX li saru b'effett ta' u wara l-konklużjoni tan-negozjati GATT XXIV.6 [1], u partikolarment l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi l-Komunità, għall-iskopijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, impenjat ruħha li twaqqaf, għal kull sena ta' marketing kwota ta' tariffi b'sisa zero għall-10 000 tunellata ta' qamħ tal-ħafur maħduma mod ieħor li jaqgħu taħt kodiċi NM 1104 22 92 u 1104 22 99;

Billi r-regoli dettaljati għall-importazzjoni taħt il-kwota huma mniżżla fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2369/96 [2]; billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1734/96 [3] tibdel, b'effett mill-1 ta' Jannar 1997, il-kodiċi NM għall-qamħ tal-ħafur maħdum mod ieħor bil-kodiċi waħdieni NM 1104 22 98; billi, wara din il-bidla tal-kodiċi NM, hemm riskju ta' ftehim ħażin għall-prodotti koperti mill-kwota; billi emendi oħra, għad-dispożizzjonijiet fuq il-validità tal-liċenzji tal-importazzjoni, huma meħtieġa; billi, fl-interess tas-simplifikar, riferenzi għas-sena ta' marketing 1995/96 għandhom jitħassru u ż-żmien tan-notifika mill-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-ħruġ tal-liċenzji tal-importazzjoni għandu jkun speċifikat b'mod ċar; billi, għalhekk, Regolament (KE) Nru 2369/96 għandu jiġi emendat;

Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond il-fehma tal-Kumitat għat-Tmexxija għaċ-Ċerejali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Regolament (KE) Nru 2369/96 qed jiġi emendat kif ġej:

1. fit-titolu, l-Artikolu 1, l-Artikolu 3(1) u l-ħames daħla tal-Artikolu 4, il-kliem "kodiċi NM 1104 22 92 u 1104 22 99" qed jinbidlu ma' "kodiċi NM 1104 22 98";
2. it-tieni sottoparagrafi tal-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) qed jitħassru;
3. L-Artikolu 3(3) qed jinbidel mis-segwenti:

   "3. Fejn il-kwantità totali li għaliha applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni jkunu sottomessi taqbeż il-kwantità tal-prodott li jista jiġi mportat matul il-perjodu in kwistjoni, il-Kummissjoni għandha tavvża lill-Istati Membri, fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mill-iskadenza tal-limitu taż-żmien għan-notifika msemmi fil-paragrafu 2, bil-persentaġġ ta' tnaqqis li huma għandhom japplikaw, meta joħorġu l-liċenzji, u l-kwantitajiet li għalihom ikunu ġew sottomessi l-applikazzjonijiet.";
4. Is-sottoparagrafu segwenti qed jiżdied wara it-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 3(4):

   "Minkejja l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 [*], sabiex jiġi ddeterminat il-perjodu ta' validità tagħhom, il-liċenzji għandhom jitqiesu bħala maħruġa fil-ġurnata propja tal-ħruġ tagħhom.

([*]) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament ser jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara li jkun ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-10 ta' April 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

([1]) U Nru L 146, ta' l-20.6.1996, p. 1.
([2]) U Nru L 323, tat-13.12.1996, p. 8.
([3]) U Nru L 238, tad-19.9.1996, p. 1.